Avviż għall-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* li għalihom japplikaw il-miżuri restrittivi previsti fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 dwar miżuri restrittivi diretti kontra ċerti persuni, entitajiet u korpi fid-dawl tas-sitwazzjoni fl-Ukraina

(2016/C 91/02)

Qiegħda tingħibed l-attenzjoni tas-suġġetti tad-*data* għall-informazzjoni li ġejja f'konformità mal-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]):

Il-bażi legali għal din l-operazzjoni ta' pproċessar hija r-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 208/2014 ([2]), kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2016/311 ([3]).

Il-kontrollur ta' din l-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea rrappreżentat mid-Direttur Ġenerali tad-DĠ C (Affarijiet Barranin, Tkabbir, Protezzjoni Ċivili) tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u d-dipartiment inkarigat bl-operazzjoni ta' pproċessar hu l-Unità 1C tad-DĠ C li jista' jiġi kkuntattjat f'dan l-indirizz:

Council of the European Union
General Secretariat
DG C 1C
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Email: sanctions@consilium.europa.eu

L-għan tal-operazzjoni ta' pproċessar huwa l-istabbiliment u l-aġġornament tal-lista ta' persuni soġġetti għal miżuri restrittivi skont ir-Regolament (UE) Nru 208/2014, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/311.

Is-suġġetti tad-*data* huma l-persuni fiżiċi li jissodisfaw il-kriterji għall-elenkar kif stipulati f'dak ir-Regolament.

Id-*data* personali miġbura tinkludi d-*data* meħtieġa għall-identifikazzjoni tajba tal-persuna kkonċernata, id-Dikjarazzjoni tar-Raġunijiet u kull *data* oħra marbuta ma' dan.

Id-*data* personali miġbura tista' tiġi kondiviża skont kif meħtieġ mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u l-Kummissjoni.

Minħajr preġudizzju għar-restrizzjonijiet previsti fl-Artikolu 20(1)(a) u (d) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, talbiet għal aċċess, kif ukoll talbiet għal rettifika jew oġġezzjoni jitwieġbu skont it-taqsima 5 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/644/KE ([4]).

Data personali tinżamm għal ħames snin minn meta s-suġġett tad-*data* jkun tneħħa mil-lista ta' persuni soġġetti għall-iffriżar tal-assi jew il-validità tal-miżura tkun skadiet, jew sakemm ikunu fis-seħħ il-proċedimenti tal-qorti f'każ li dawn ikunu nbdew.

Is-suġġetti tad-*data* jistgħu jirrikorru għand il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001.

([1]) ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.
([2]) ĠU L 66, 6.3.2014, p. 1.
([3]) ĠU L 60, 5.3.2016, p. 1.
([4]) ĠU L 296, 21.9.2004, p. 16.